# IL-LOGĦOB TAN-NAR



"Festa bla nar mhix festa". "Ftit tal-ħoss tridu". "Meta n-nar ikun moderat m'hawnx isbaħ minnu". Dawn huma xi kummenti li nisimgħu fir-rigward tan-nar tal-festi. Hawn min iħobb in-nar ta' l-ajru: Kaxxi nfernali, murtali u murtaletti, u hawn min aktar jieħu pjaċir jara n-nar "ta' l-art" - il-ġiggifoku jew il-logħob tan-nar. Bosta huma dawk li lejliet il-festa ma jitilfuhx.

Fl-imgħoddi ma kienux jafu bihom il-kaxxi nfernali u murtali tal-kulur. Il-ġiġġifoku kien ikun "xi faċċata ta' knisja kollha kuluri bil-profil tagħha jew forma ta' xi palazz sabiħ. Illum ikollok gassijiet kbar bi sfafar magħhom li meta jinxtgħelu jiffurmaw bħal siġra kbira ta' suffarelli b'xi bombi magħhom", kif spjegali ndividwu. "L-irdieden baqgħu l-istess" kompla jgħidli.

Ċertu Nikol Camilleri kien iħobb jilgħab bix-xogħol tan-nar. Darba fettillu jagħmel żewġ "balloons" kbar jixgħelu minn ġewwa u jogħlew. Ħadd ma kien jaf bihom u lejlet il-festa ta' Santa Katarina, għal xi 9.00 p.m. qabel beda n-nar tal-knisja - iġ-ġiġġifoku - ta n-nar lil wieħed minnhom u dal-"balloon" beda tiela 'l fuq bid-dawl fih u għola aktar mill-knisja, u beda miexi skond id-direzzjoni tar-riħ li kien. Warajh tella' l-ieħor, u l-istess... sakemm ma dehrux aktar. Kienu sbieħ. Il-pulizija però malajr ħadet passi, u Nikol ġie ordnat biex ma jagħmilx aktar minnhom għax "jistgħu jkunu kawża ta' ħruq fejn jaqgħu". Kienet l-ewwel u l-aħħar darba dik tal-"balloons"!

Logħob ieħor tan-nar, mhux tas-soltu, kien sar minn ċertu Anġlu Fenech, li kien prokuratur tal-knisja tas-Salvatur. Fost ix-xogħol varjat li dan Anġlu għamel, darba ħadem raddiena bl-ilma u n-nar li meta bdiet iddur b'saħħa kbira, kienet qisha funtana naturali. Kienet magħmula minn għaxar bottijiet bl-ilma, gassijiet u ġirasuri. Meta ddur bil-veloċità l-ilma jaqbeż mill-bottijiet u kien jifforma bħal funtana, fl-istess ħin il-gassijiet jixgħelu kollha. Din "il-funtana" kien għamilha xi tlett snin wara xulxin, għax intogħġbot.

Il-logħob tan-nar sar parti ntegrali mill-aspett soċjali u folkloristiku ta' pajjiżna, kif wara kollox hu f'pajjiżi oħra tad-dinja kif naqraw u naraw fit-televiżjoni. Il-logħob tan-nar bħal moda u l-mentalità. Minn żmien għal żmien jinbiddlu l-istil u l-kif! Però l-passat hu l-benniena jew pedament tal-preżent... anke fil-logħob tan-nar.

**Frans Zahra**